**21 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Carmela Camilleri et.**

**Proċedura — Sentenza — Nullità — Appell — Trattazzjoni Kontestwali — Kartelluni — Liċenza — Art. 107 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Meta hemm żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u żewġ appelli separati, imma fiż-żewġ kawżi hemm identità tal-fatti, identità tas-sistema ta' difiża, identità tal-provi, u kontestwalità tat-trattazzjoni tant fl-ewwel istanza kemm fl-appell, jixraq li tingħata sentenza waħda fuq iż-żewġ appelli. Del resto, din hija l-"praxis curiae" fil-materja.*

*Bħala "modum regulae", meta kawża kriminali tiġi sospiża mħabba li jkun hemm kawża ċivili pendenti u l-ġudikant jaħseb li jkun spedjenti li jiġi attiż l-eżitu ta' dik il-kawża ċivili, imma mbgħad, aktar tard, tavvera ruħha xi ċirkustanza li minħabba fiha l-ġudikant jidhirlu li l-kawża kriminali tista' tiġi prosegwita, ikun aktar regolari illi dan jingħad b'verbal appożitu għall-kjarezza tal-proċeduri. Imma jekk il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun tat ordni simili għas-sospensjoni tal-kawża, tgħaddi l-quddiem u tiddeċidi l-kawża bla ma tagħti ordni kuntrarju, ma hemm xejn b'daqshekk li jista' jinvalida dik is-sentenza.*

*Il-permess tal-Pulizija biex wieħed iwaħħal kartelluni fuq ħajt ta' fond appartenenti jew mikri lil ħadd ieħor għandu l-effett tiegħu prekarju; għax dak il-permess jiddependi mill-kunsens tas-sid jew tad-detentur tal-fond li miegħu*

*jinghata l-permess li jitwaħħal il-kartelluni. Malli dak is-sid jew l-okkupant joġġezzjonaw għall-affissjoni ta' dawk il-kartelluni, l-effikaċja tal-permess tiġi nieqsa "ipso facto", u l-Pulizija ma tistax ħlief twissi lil min kellu dak il-permess biex ineħħihom, u ma għandhiex alternattiva oħra ħlief dik li tirtira l-permess. U dan l-ordni tal-Pulizija għandu jiġi obdut indipendentement minn kull rapport ta' indoli ċivili bejn min waħħal il-kartelluni u min oġġezzjona għalihom.*

Il-Qorti: Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputata Carmela Camilleri, talli l-Furjana, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bħala proprjetarja tal-"Comet Theatre", St. Anne Street, Floriana, waħħlet jew ippermettiet li jiġu mwaħħla, kartelluni bir-reklami tal-"films" mal-ħajt ta' Gardenia Bar f'numru 8-9 St. Anne Street, Floriana, mingħajr il-kunsens tad-detentur Emmanuel Dingli, meta dan ġie projbit espressament mill-imsemmi detentur; barra minn dan, ma obdietx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha mill-Pulizija biex tneħħi l-istess kartelluni, non ostanti intimazzjoni bil-miktub notifikata lilha fis-6 ta' Marzu 1958 biex tneħħi l-imsemmija kartelluni;

Rat iċ-ċitazzjoni l-oħra miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Joseph Bugeja, talli l-Furjana, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bħala l-proprjetarju tal-"Comet Theatre", St. Anne Street, Floriana, waħħal jew ippermetta li jiġu mwaħħla, kartelluni bir-reklami tal-"films" mal-ħajt ta' Gardenia Bar, f'numru 8 u 9 St. Anne Street, Floriana, mingħajr il-kunsens tad-detentur Emmanuel Dingli, meta dan ġie projbit espressament mill-imsemmi detentur; barra minn dan, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija biex ineħħi l-istess kartelluni, non ostanti intimazzjoni bil-miktub notifikata lilu fis-6 ta' Marzu 195, biex ineħħi l-imsemmija kartelluni;

Rat iż-żewġ sentenzi ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Novembru 1958, li bihom sabithom ħatja u kkundannathom 10s. ammenda, u tathom ħmistax il-ġurnata żmien biex jik-

konformaw ruħhom mal-liġi, taħt penali ta' 5s. kulljum fil-każ ta' nuqqas;

Rat ir-rikorsi tal-imputati, li bihom appellaw, b'rikors separat, mis-sentenza rispettiva fuq imsemmija, u talbu r-revoka tagħha u li jiġu assolti;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Għalkemm hemm żewġ sentenzi u żewġ appelli separati, eppure, stante l-identità tal-fatti, l-identità tas-sistema tad-difiża, l-identità tal-provi, u l-kontestwalità tat-trattazzjoni tant f'din kemm fl-ewwel istanza, jixraq li tingħata sentenza waħda fuq iż-żewġ appelli, kif inhi, del resto il-"praxis curiae" in materja (ara App. Krim. "Pul. vs. Baruni Chapelle" 17. 2. '23; u App. Krim. "Pul. vs. Dimech u Muscat", 9 ta' Marzu 1940);

Id-difiża, fir-rikors tal-appell, aċċennat għall-pont jekk l-Ewwel Qorti, wara li bil-verbal fol. 7 kienet iddekretat is-sospensjoni tal-ġudizzju stante l-pendenza ta' kawża ċivili attinenti għal din tal-lum, setgħetx mbgħad, bla ma tagħti ordni kuntrarju, tgħaddi l-quddiem u tiddeċidi l-kawża;

Għalkemm, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemm xejn li minħabba f'daqshekk jista' jinvalida s-sentenzi tal-Ewwel Qorti, eppure, bħala "modum regulae", għandu jiġi osservat li, meta kawża kriminali tiġi sospiża minħabba li jkun hemm kawża ċivili pendenti, u l-ġudikant jaħseb li jkun spedjenti li jiġi attiż l-eżitu ta' dik il-kawża, jekk mbgħad, aktar tard, tavvera ruħha xi ċirkustanza li minħabba fiha l-ġudikant jidhirlu li l-kawża kriminali tista' tiġi prosegwita, ikun aktar regolari illi dan jingħad b'verbal appożitu għall-kjarezza tal-proċeduri;

Fl-appell preżenti, din il-Qorti taħseb li għall-finijiet kriminali ma hemmx bżonn li jiġu nvestiti punti li talvolta

*huma* jew jistgħu jkunu ta' indoli ċivili; u dan għar-raġunijiet li sejrin jingħadu;

Hu fatt innegabbli li l-kartelluni kienu qegħdin jitwaħħlu in forza ta' permess maħruġ mill-Pulizija. Dan hu dak nru. 61503, riferit fid-dok. fol. 2 u fol. 5 ta' dan l-inkartament. Issa, dak il-permess hu maħruġ bħala suġġett għall-art. 107 tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13; vwoldiri li l-effett tiegħu hu prekarju, għax dipendenti mill-kunsens tas-sid jew tal-okkupant. Fil-każ in inspeċje, l-okkupant minn ċertu żmien l-hawn oġġezzjona. "Ipso facto", *l-effikaċja tal-permess ġiet nieqsa*, u l-Pulizija *ma setgħetx* ħlief tagħti lill-appellanti t-twissija li tidher fid-dokumenti fuq riferiti, li baqgħet bla ma ġiet imħarsa. Hu intuwittiv *li malli* l-appellanti ħadu dak il-permess, huma b'daqshekk ġew li aċċettaw il-kondizzjonijiet tiegħu, fosthom dik li hu dipendenti mill-artikolu tal-liġi fuq riferit. Għal'hekk huma estranei għal dan il-ġudizzju l-kwistjonijiet l-oħra li joħorġu mid-dibattitu, ċjoè jekk Dingli, l-oġġezzjonant, baqgħax juża mill-"quid pro quo", ċjoè *mill*-biljetti gratuwiti tal-entrata fiċ-ċinema anki wara ċ-ċessjoni tiegħu minn Debono favur Bugeja, jew jekk hu kienx baqa' jippermetti l-affissjoni tal-kartelluni anki wara li l-bar ta' qabel għamlu "Standard Bar", jew jekk hu ġiex miċħud mid-dħul gratuwitu jew le b'xi inavvertenza tal-impjegat *Cristina*, jew bix-xjenza tal-appellanti. Infatti, malli Dingli issinifika lill-Pulizija li hu kien qed joġġezzjona, il-Pulizija ma kellhiex alternattiva oħra ħlief li tirtira l-permess. Dan il-ġudizzju jirrifletti dawk ir-rapporti. Rapporti oħra huma ta' indoli ċivili;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad iż-żewġ appelli u tikkonferma ż-żewġ sentenzi fuq imsemmijin. Iż-żmien mogħti mill-Ewwel Qorti jibda jiddekorri minn nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 1959.